MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.

## GIOVANNI GRIXTI

Seduta ta' l-4 ta' Mejju, 2015

Rikors Numru. 39/2013

**Anthony Gauci I.D. 127466(M)**

**vs**

**Pawlu Fenech I.D. 459165(M)**

Il-Bord:

Ra r-rikors guramentat tar-rikorrenti li jghid hekk:

Illi huwa permezz ta' skrittura privata tad-19 ta' Settembru, 2010, kien kera lill-intimat Pawlu Fenech il-'garage' bla isem, bla numru, fi blokk ta' flats u garaxxijiet imsejjah 'Aurora Flats' fi Triq Salvu Dimech, il-Mosta;

Illi dan il-kuntratt skada fit-18 ta' Settembru tal-elfejn u tnax.

Illi barra minn hekk l-intimat Pawlu Fenech naqas ukoll li jitlob it-tigdid tal-kirja.

Illi l-intimat naqas ukoll li fit-terminazzjoni tal-kirja li jghaddi lura lis-sid il-fond lilu mikri wara l-iskadenza tat-terminu tal-kirja.

Illi ghalhekk l-intimat Pawlu Fenech qed jiddetjeni l-fond tar-rikorrenti minghajr titolu fil-ligi.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent jitlob bir-rispett li dan l-Onorabbli Bord a tenur tal-procedura sommarja specjali skond l-artiklu 16A tal-Ordinanza li Tirregola t-Tigdid tal-Kiri tal-Bini joghgbu jawtorizza lill-esponenti jirriprendi l-pussess tal-fond, ossija il-'garage' bla isem u bla numru fi blokk ta' flats u garaxijiet msejjah 'Aurora Flats' fi Triq Salvu Dimech, il-Mosta u ghall-fini tal-izgumbrament tal-intimat jipprefigi terminu qasir u perentorju.

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

Ra l-verbal tas-seduta tas-26 ta’ Frar 2015 fejn il-partijiet iddikjaraw li l-mertu tal-kawza huwa ezawrit wara transazzjoni u baqa’ kontestat l-kap tal-ispejjez;

Ikkunsidra:

Illi f’din il-kawza ma nstemghu ebda provi ghaliex il-partijiet lahqu ftehim wara diversi differimenti sia ghan-notifika tal-intimat kif ukoll ghal skop ta’ transazzjoni. L-intimat ma rregistra ebda risposta ghar-rikors promutur mhux ghaliex naqas milli jaghmel dan izda ghaliex din il-kawza inizzjat b’talba ghad-dispensa ta’ smiegh u l-intimat kien intavola nota biex jindika kif kien fi hsiebu jikkontesta l-kawza. L-proceduri izda ma lahqux il-punt fejn il-Bord kellu jiddeciedi skond l-artikolu 16A tal-Kapitolu 69 jekk l-intimat kellux raguni skond il-ligi biex jikkontesta l-kawza proprju ghaliex intlahqet transazzjoni;

Il-Bord issa ghalhekk huwa mitlub jiddeciedi biss fuq il-Kap tal-ispejjez. Dwar dan, l-ebda parti ma ressqet provi u l-Bord ghandu biss quddiemu r-rikors promutur guramentat u n-nota ta’ hsieb ta’ kontestazzjoni tal-intimat li tikkontjeni dikjarazzjoni li ma kienx minnu li l-intimat qatt ma talab li tiggedded il-kirja tant li kien offra hlas ta’ sitt xhur bil-quddiem permezz ta’ *cheque* esebit in atti. Il-Bord ghalhekk ftit jew xejn ghandu fatti bizzejjed quddiemu sabiex jara minn mill-partijiet jahti ghal-din il-vertenza u in vista ta’ din iqis li jkun gust li kull parti ssofri l-ispejjez taghha;

Ghal dawn il-motivi, l-Bord qed jaqta’ u jiddeciedi illi l-ispejjez ghandhom ikunu sopportati ugwalment bejn il-partijiet.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------